**7 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Salvino Busuttil

*versus*

Agostino Baldacchino

**Subbasta - Inattività tal-Kreditur Esekutant għall-aktar**

**minn Sena - Artikolu 351 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*L-attur aġixxa biex jitlob dikjarazzjoni ta' nullità ta' subbasta. L-Ewwel Qorti iddeċidiet illi peress illi s-subbasta kienet saret, astjeniet milli tiddeċidi l-mertu tal-kawża.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata għaliex irriteniet illi jekk jirriżulta li l-atti tas-subbasta kienu nulli, dan jista' jagħti ulterjorment lok għal proċeduri oħra ġudizzjarji. L-atti ġew rimessi lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni ppreżentata fit-13 ta' Ottubru, 1994 l-attur ippremetta li l-konvenut kien qiegħed jipproċedi b'subbasta ta' bejgħ ta' mobbli numru 218/93 quddiem din il-Qorti fl-ismijiet **Agostino Baldacchino** *vs* **Salvino Busuttil** u li l-kreditur esekutant ħalla l-atti tas-subbasta inattivi għal aktar minn sena kif irriżulta minn eżami ta' l-atti tal-proċess bil-konsegwenti nullità ta' l-atti kif *jipprovdi l-artikolu 351 tal-Kodiċi ta'* Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-attur talab li l-Onorabbli Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha fejn ordnat il-bejgħ in subbasta;

Il-konvenut eċċepixxa illi l-meritu ta' din il-kawża kien ormai eżawrit u l-Qorti kellha tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoni tagħha;

Illi b'sentenza ta' l-4 ta' Ottubru, 1995, l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet attriċi billi fil-każ tat-tieni talba din ġiet ċeduta u fil-każ ta' l-ewwel talba l-meritu kien eżawrit;

L-attur ħassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell

minnha fuq l-aggravju illi l-Ewwel Qorti ma tistax tikkonkludi l-meritu eżawrit sempliċement għaliex is-subbasta saret. Jekk il-proċedura tas-subbasta kienet nulla allura jsegwu ċertu konsegwenzi fosthom ta' danni li jeradikaw l-interess ta' l-attur biex jikseb dikjarazzjoni ta' nullità preordinata għal rimedju ulterjuri ta' danni;

Illi l-loġika ta' l-Ewwel Qorti messha kienet illi wara li waslet fil-kors tar-raġonament tagħha li verament il-proċedura kienet nulla, missha waslet biex almenu takkolji t-talbiet. Il-fatt illi s-subbasta saret mhu b'ebda mod rilevanti għar-ritwalità o meno tal-proċedura, għaliex altrimenti jista' jitwarrab il-prinċipju tal-legalità u tad-dritt!

Illi huwa prinċipju trit fil-proċedura Ċivili illi fejn hemm possibbilità li azzjoni dikjaratorja tiġi segwita b'azzjoni dikjaratorja tiġi segwita b'azzjoni oħra, f'dan il-każ għar-riżarċiment tad-danni hemm interess ġuridiku suffiċjenti biex tista' tiġi eżerċitata l-azzjoni;

Għaldaqstant l-appellant talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet **Salvino Busuttil** *vs* **Agostino Baldacchino**, ċitazzjoni numru 1334/94, billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

Il-konvenut appellat wieġeb hekk:

"*Illi l-appell għandu jiġi rriġettat bl-ispejjeż stante li s-*sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma";

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

F'din il-kawża l-attur intenta jwaqqaf billi jannulla proċeduri ta' subbasta bejn il-kontendenti li kienu mexjin. Għalhekk ressaq żewġ talbiet, waħda proprju biex l-atti li kienu saru jiġu ddikjarati nulli għar-raġunijiet minnu premessi, raġunijiet ta' natura legali in kwantu bbażati fuq punti ta' proċedura u talba għar-revoka tad-digriet *contrario imperio* li jawtorizza l-bejgħ bis-subbasta ta' l-oġġetti *de quo*;

Issa ġara li s-subbasta, fil-mori ta' dawn il-proċeduri saret u għalhekk il-meritu in kwantu kien jikkonċerna t-tieni talba ġie eżawrit proċeduralment billi, tajjeb jew ħażin, ġie fis-seħħ. Fil-fatt s'hawn il-kontendenti jaqblu li hekk hu l-każ u ma hemmx x'isir dwar it-tieni talba li ġiet irtirata. Kien għad fadal però x'tiġi deċiża l-ewwel talba. Dan il-punt hu dwar jekk fil-fatt darba li s-subbasta issa kienet seħħet kienx allura ukoll isegwi li l-ewwel talba baqgħet biss ta' natura akkademika jew inkella setgħetx tiġi mistħarrġa u deċiża indipendentement mit-tieni talba. Fil-fatt, il-kawża tħalliet għas-sentenza "fuq il-kwistjoni ta' karenza ta' interess ta' l-attur in vista tal-fatt li llum il-meritu huwa eżawrit" (*sic*);

Fl-apprezzament tagħha l-Ewwel Qorti, fil-korp tas-sentenza appellata, ikkostatat li,

"naturalment tali sentenza tista' biss ikollha rilevanza għall-kap ta' l-ispejjeż ... billi dak li sar ... l-oġġetti llum huwa definit";

Mingħajr ma semgħet provi allura, l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-atti li kellha quddiemha u dak li kien seħħ sa dak in-nhar, hija ddeċidiet billi astjeniet milli tiddeċidi l-meritu tal-kawża. Issa, filwaqt li fir-rigward tat-tieni talba dina l-astensjoni kienet inevitabbli għaliex it-tieni talba effettivament ġiet irtirtata ma jistax jingħad l-istess dwar l-ewwel talba;

Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa biss parzjalment korrett li jingħad illi *rebus sic stantibus*, deċiżjoni fuq l-ewwel talba kienet taffettwa u tinċidi biss fuq il-kap ta' l-ispejjeż u xejn aktar. Dan mhuwiex preċiż. Fil-fatt, ankorkè s-subbasta saret xorta waħda seta' dejjem irriżulta jekk jiġi ppruvat s'intendi li l-atti tas-subbasta *de quo* kienu nulli in kwantu kienu vvizzjati minn xi żball ta' natura proċedurali. Dikjarazzjoni ta' nullità kif mitlub mill-attur appellant tista' ulterjorment tagħti lok għal proċeduri oħra ġudizzjarji li ma jkunux bilfors limitati u ċirkoskritti għal min għandu jissopporti l-kap ta' l-ispejjeż f'din il-kawża. Hekk, għall-grazzja ta' l-argument, jista' jiġi pprospettat każ fejn b'tali dikjarazzjoni favur tiegħu, jekk l-attur jirnexxi fl-azzjoni intentata, ikun possibbli għalih li jistitwixxi kawża għad-danni li tkun konsegwenzjali proprju għal din it-talba deklaratorja. Fi kliem ieħor, bil-fatt biss li s-subbasta seħħet, l-ewwel talba ma ġietx reża superfluwa u l-attur kien u għad fadallu interess ġuridiku fil-prosegwiment tal-kawża kwantu għall-ewwel talba tiegħu;

Mill-atti u mid-deċiżjoni appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti m'għaddietx biex tisma' l-provi tal-partijiet u fil-fatt lanqas iddeċidiet l-ewwel talba għaliex, minflok, hija astjeniet kif ġà intqal. Mhuwiex għalhekk il-każ li din il-Qorti tgħaddi biex tiddeċidi hi l-istess talba minħabba li dan ikun allura jfisser li tintilef il-possibilità tad-*doppio esame*. Għalhekk dan hu każ fejn l-atti jridu jintbagħtu lura mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti biex tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel talba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba li ġiet ċeduta, tilqa' l-appell ta' l-attur appellant u għaldaqstant tirrevoka dik il-parti tas-sentenza

appellata fejn l-Ewwel Qorti astjeniet ukoll milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attriċi u għalhekk tordna li l-atti jiġu rrinvijati quddiem l-istess Qorti sabiex tisma' l-provi u tiddeċidi din l-istess talba skond il-liġi. L-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għal dina l-istanza jkunu a kariku ta' l-appellat konvenut.